# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487  Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt  Web-Page: www.lc.gov.mt

---

Minuti tas-seduta numru ħamsa u sittin (65) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 16 ta' Settembru, 2010, fil-6:00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Uffiċċjal Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Is-Sindku kkonferma li kellem kemm il-pulizija kif wkoll lil persuna ikkonċernata dwar il-każ imsemmi minn Francis Callus waqt is-seduta preċedenti.

4. Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill ikkuntata lil Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex nirċievu aktar nies eliġibbli għal ħatra ta' segretarju eżekuttiv.

5. Eddie Bonello staqsa hekk il-kwestjonarji ta' l-isport tas-Sajf ġewx imqassama. Dorianne Zammit ikkonfermat li dawn tqassmu u diġa bdew jinġabru l-ewwel ftit mimlija. Eventwalment, ir-risposti ser jiġu eżaminati mil-Head Coach ta' Safi Youth Nursery bl-għan li dan is-servizz jibqa dejjem jitjieb.

6. Is-Sindku rrimarka li għadu ma ngħatax id-data tal-laqgħa mal-GRTU rigward il-*one way* f'Triq San Pawl.

7. Rigward il-pjanċa li ser titwaħħal quddiem il-ħanut f'Triq Santa Marija, Dorianne Zammit rimarkat li intalbu zewġ kwotazzjonijiet però dawn għadhom ma waslux lil Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li nikuntattjaw lil Kunsill tal-Mosta għaliex dawn waħħlu pjanċi simili fejn l-iskola tal-lokalità tagħhom.

8. Is-Sindku u l-Kunsilliera ddiskutew fuq waħda minn l-*stands* li inħadmet mill-ħaddiema tal-kunsill sabiex magħhom jeħlu t-tabelli informattivi mal-postijiet storiċi f'Ħal Safi. Il-Kunsilliera approvaw li l-bqija ta' l-*stands* jinħadmu bl-istess mod.

9. Dorianne Zammit rrimarkat li n-nominazzjoni tal-Kunsill għall-Anzjan tas-Sena saret.

10. Publius Abdilla staqsa jekk kienx hemm żgħażagħ li applikaw għal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Dorianne Żammit ikkonfermat li għalkemm kien hawn interess u inġabru diversi applikazzjonijiet, ħadd għadu ma' bgħat l-applikazzjoni tiegħu.

11. Il-Kunsilliera iddiskutew il-prezz tar-riklamar li għandu jiġi mitlub sabiex isiru avviżi kummerċjali fuq il-ħarġa tal-fuljett tal-Kunsill. Jerome Busuttil ippreżenta lista ta' prezzijiet ta' riklami fuq fuljetti u magazzini simili li jitqassmu f'Ħal Safi. Is-SE intalab jivverifika dawn il-prezzijiet ma' l-ispiża ta' kemm jiswa il-fuljett.

**Tenders**

12. Is-SE ikkonferma li t-tender tal-ġbir ta' l-iskart organiku li jinġabar bieb bieb flimkien ma' l-Mqabba tlesta u s-sejħa ta' l-offerta pubblika ser tidher fuq il-Gazzetta tal-Gvern, l-Malta Independent u fil-Ġurnal Ewropew għada, nhar il-Ġimgħa 17 ta' Settembru. L-offerta pubblika tagħlaq nhar il-Ħamis 11 ta' Novembru, 2010 f'Nofsinhar.

13. Is-SE ikkonferma li t-tender tas-servizz ta' knis ħareġ fl-14 ta' Settembru u jgħalaq nhar il-Ħamis 30 ta' Settembru.

**Contracts Manager**

14. Il-kunsilliera qablu li sal-laqgħa li jmiss is-SE jippreżenta it-tender tal-contracts manager. Is-Sindku rrimarka li l-kuntratt tal-contracts manager issa ilu aktar minn erbgħa snin u hemm bżonn li jinħareġ wieħed ġdid. Dan ġibdu l-attenzjoni tiegħu l-awdituri u b'hekk huwa mportanti li tinħareġ sejħa ta' l-offerti ġdida kemm jista jkun malajr.

**Korrispondenza**

15. Il-Kunsill irċieva ittra mill-MITTS sabiex jassigura li it-tabella tal-Free WIFI titwaħħal fil-postijiet rispettivi. Dorianne Zammit ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera li s-servizz fil-ġnien ta' quddiem il-Kunsill għadu ma ngħatax. Dan għaliex il-kaxxa ta' l-internet hemm bżonn tiġi installata ġo l-uffiċju tad-Day Care

Centre. Is-Sindku rimarka li ma hemmx problema u s-servizz ser jiġi installat fil-jiem li ġejjin.

16. Il-Kunsill irċieva notifika minn għand l-HSBC li r-restawratur ġie mħallas tax-xogħol li għamel fuq in-niċċa tal-Madonna u ta' San Ġwann.

17. Il-Kunsill irċieva l-pagament minn għand il-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-ilma bħala kumpens ta' trinek imħafra f'Ħal Safi mill-Korporazzjoni fuq servizzi ta' l-ilma hekk kif kien ġie miftihem mad-Dipartiment għal-Gvern Lokali ftit xhur ilu.

**Żviluppi fuq proġetti mibdija**

18. Is-Sindku rrimarka li l-ħamrija fis-sit ta' Amparell hija griża u kollha ġebel. Is-Sindku qiegħed f'kuntatt ma kuntrattur li ser jissupplixxi ħamrija ġdida għal dan is-sit bla ħlas. Is-Sindku talab li l-kunsilliera jibdew jaħsbu f'xi isem li jista jingħata lil dan il-ġnien. Wieħed mill-ismijiet li suġġerixxa s-Sindku kien "Ġnien ta' Amparell".

19. Is-Sindku ikkonferma ma' Trasport Malta li l-proġett tar-roundabout fejn iċ-ċimiterju ser jibda fi żmien ħmistax oħra. L-unika diffikulta hija li hemm bir fl-għalqa mat-triq li jista jkun jintilef ġà la darba testendi t-triq ġo l-għalqa. Is-Sindku ser jitkellem mal-perit tal-proġett sabiex jaraw flimkien mas-sid x'jista jsir.

20. Is-Sindku rimarka li Trasport Malta ikkonfermaw li x-xogħol f'Triq il-Kuċċard ser issir fix-xhur li ġej. Trasport Malta ikkonfermaw wkoll li din it-triq ser tinfetaħ kollha sa Vjal ix-Xarolla fiż-Żurrieq.

**Laqgħa mal-pulizija**

21. Eddie Bonello ddiskuta mal-Kunsilliera dwar il-laqgħa li kellu il-Kunsill mal-pulizija. Huwa semma diversi punti prinċipali u qal li din il-laqgħa kienet waħda pożittiva sabiex il-Kunsill jkompli jassigura s-sigurta fil-lokalita.

**Affarijiet oħra**

22. Il-Kunsilliera ddiskutew it-traffiku li jkun għaddej ma' Triq l-Ibraġ kantuniera ma Triq ta' Rqajja. Eddie Bonello sostna li l-Kunsill għandu jagħmel *traffic management plan* sabiex itejjeb il-mod ta' kif jgħaddi t-traffiku minn din it-triq.

23. Is-SE rimarka li l-kont rivedut tal-plakka li twaħħlet f'Misraħ San Ġużepp għadu ma wasalx.

24. Eddie Bonello talab rendikont tal-flus li l-Kunsill daħħal u nefaq minn Skola Sajf.

25. **Il-Payment Approval** Sheet No. 58 ġiet approvata.

26. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 30 ta’ Settembru, 2010.

27. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm.

Approvati llum 30/09/2010

Sindku　　　　　　　　　　　　Segretarju Eżekuttiv